# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 192/2011

## tal-25 ta' Frar 2011

## li jistabilixxi miżuri speċjali li għandhom x'jaqsmu mal-għajnuna għall-ħżin privat tal-laħam tal-majjal stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 68/2011

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 826/2008 tal-20 ta' Awwissu 2008 li jipprovdi regoli komuni għall-għotja ta' għajnuna għall-ħażna privata ta' ċerti prodotti agrikoli [2], u b'mod partikolari Artikolu 23(3) tiegħu,

Billi:

(1) Eżami tas-sitwazzjoni indika li hemm ir-riskju li jkun hemm għadd eċċessivament kbir ta' applikazzjonijiet għall-iskema ta' għajnuna għall-ħżin privat tal-laħam tal-majjal li ġiet introdotta mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 68/2011 it-28 ta' Jannar 2011 li jiffissa bil-quddiem l-ammont tal-għajnuna għall-ħżin privat tal-laħam tal-majjal [3].

(2) Għalhekk, hu meħtieġ li l-applikazzjoni tal-iskema stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 68/2011, tiġi sospiża u li jiġu miċħuda l-applikazzjonijiet inkwistjoni.

(3) Sabiex tiġi evitata l-ispekulazzjoni, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. L-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 68/2011 hija b'dan sospiża għall-perjodu mis-27 ta' Frar 2011 sal-4 ta' Marzu 2011. L-applikazzjonijiet għall-konklużjoni tal-kuntratti ppreżentati matul dan il-perjodu ma għandhomx jintlaqgħu.

2. L-applikazzjonijiet ippreżentati mit-22 ta' Frar 2011, li l-aċċettazzjoni tagħhom tkun ġiet deċiża matul il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, huma b'dan miċħuda.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Frar 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 223, 21.8.2008, p. 3.
[3] ĠU L 26, 29.1.2011, p. 2.